MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Numru 1336/2009

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)
vs
Bruce Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 535074m talli:

1. fi 23 ta' Dicembru 2009 ghal habta tad-9.00am u hinijiet wara waqt li kien fil-fond bl-isem Block A1 sitwat Triq Mater Boni Consigli, Fgura, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra cioe' ikkaguna ferita ta' natura gravi li gabet mankament jew sfregju fil-wicc ta' Lucia Micallef mill-Fgura skond ma ccertifika it-tabib Dr Mark Grech Reg.no.2905 mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid u li l-istess ferita tista' ggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem ta' Lucia;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza arma irregolari (vazun) fuq il-persuna ta’ Lucia Micallef mill-Fgura;
3. ghad li kellu l-jedd li jwiddeb lil Lucia Micallef mill-Fgura hareg barra mill-qies;
4. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Lucia Micallef mill-Fgura sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;
5. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Lucia Micallef mill-Fura ingurji jew theddid mhux imsemmi band’ohra fil-Kodici Kriminali;
6. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Lucia Micallef u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 383, 384, 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat r-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali li bih ai termini tal-artikoli tal-ligi citati minnu bghat l-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti.
Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni;
Semghet il-provi;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;
Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-kawza tikkoncerna sfregju li sofriet Lucia Micallef konsegwenza ta’ litigju li fih kien involut l-imputat u ghal liema sfregju l-prosekuzzjoni qeghdha zzom l-imputat responsabli. Il-versjonijiet tal-protagonisti fil-kaz huma ghal kollox kontrastanti. Xehedu numru ta’ xhieda kemm minn naha u kemm minn ohra. Fatt cert huma l-griehi riportati fuq wicc l-imsemmija Lucia Micallef (referenza dok.LM folio 27) konsistenti f’ticrita taht ghajnejha l-leminija li rrikjedit zewg punti ta’ sutura (vide wkoll ic-certifikat mediku, fol.42, debitament konfermat). Fatt iehor cert hu li l-parti leza u l-imputat jabitaw l-istess korp bini ta’ appartamenti liema korp bini ghandu erba appartamenti b’dak tal-imputat u l-parti leza opposti ghal xulxin separati

bl-livell wiehed. Fix-xhieda taghha (fol.24) l-imsemmija Lucia Micallef tghid li dak in nhar kienet tiela tonxor fuq il-bejt u l-imputat inzerta fl-indana f'livell appena superjuri barra l-appartament tieghu. Tghid li l-imputat akkuzha li qeghdha titfi d-dawl tal-komun, ippuntala subghajh ma' wicca, insultha u heddidha. Fost il-kliem ta' theddid hi tghid li l-imputat qalilha, hu u jipponta subghajh f'ghajnejha' - "ghax-dawn indahhalomlok f'ghajnejk u nfotik mid-dinja". Ziedet tghid li waqt l-insulti u t-theddid l-imputat tefghala vazun u laqtatha f'wicca. In kontro ezami (fol 84) ix-xhud issostni li kien vazun u mhux platti (dekorazzjoni jew dekorazzjonijiet fl-indana tal-appartament tal-imputat). Ammettiet li hija offenditu wkoll u bir-rabja bdiet taghti bil-'pot' mal-bieb tal-appartament tal-imputat. Dwar zewgha u binha li fil-hin kienu niezlin minn fuq il-bejt tghid li kif rawha bid-demm ma' wicca telqu biha l-ghassa. Zewg il-parti leza jismu Charles Micallef (folio 28) jghid li f'dak il-hin hu kien niezel minn fuq il-bejt flimkien ma' ibnu, ttawwal u ra lill-imputat b'subghajh f'ghajnej il-mara tieghu, l-imsemmija Lucia Micallef. Kif kien xi metri minn mieghu rah jitfa vazun li laqat lill-martu fuq il-lemin ta' wiccha taht ghajnejha. Hemmhekk hadha l-poliklinika ta' Rahal Gdid. Bin il-parti leza jismu Stephen (folio 33) sostanzjament ikkonferma l-incident inkluz it-tfieh tal-vazun mill-imputat. Xehdet ukoll bint il-parti leza Silvana Micallef (folio 70) mill-liema xhieda huwa kkonfermat, jekk tali konferma kien hemm bzonna, li l-griehi fuq ommha huma effettivament ta' entita' gravi u gew minnha sofferti fil-gurnata 'de quo'.

Illi fuq daqshekk il-fatt tal-gerha 'per se' hu inkontestabbilment pruvat. Hija r-responsabilita' ossija min hu responsabli li ikkagunuha li ghandha tigi ricerkata ghaliex hu proprju fuq hekk li jistrieh l-esitu u l-konsegwenti konvicju jew liberazzjoni tal-imputat.

Ikkonsidrat:

Illi f'dan l-istadju l-Qorti tahseb li ghandha tiftah parentesi u tirreferi ghall-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju (folio 65) fejn apparti l-offizi kontravenzjonali, fil-maggjor parti citati spropozitament fil-fehma ta' din il-Qorti, hemm citat l-offiza tal-ferita gravi aggravata, l-uzu ta' arma irregolari u reati konnessi ma' fastidju u biza, dawn ta' l-ahhar citati bhala reat/i

kontinwat. Fil-kuntest ta' dawn l-akkuzi, salv xi offizi ta' natura kontravenzjonali, jistghu talvolta ireggu dawk tal-offiza gravi taht l-Artikolu 216 tal-Kap 9 maghmula permezz ta' arma irregolari. Il-Qorti qeghdha teskludi li jissusistu r-reati li jikkontemplaw l-fastidju u l-biza.
Intant, l-imputat xehed (folio 73). Fil-kors tax-xhieda tieghu (l-istess bhal martu) jakkuza lill-zewg u bin il-parti leza li kienu huma li pprovokaw l-incident. Jistqarr l-imputat li immedjatament qabel l-incident kien bghat lit-tifel tieghu jixtri hobza. Kienu telghin zewg u bin l-parti leza u indirizzaw xi kliem lejh. Jghid li huwa minnu li hemmhekk hareg mill-bieb 'biex jiehu sodisfazzjon' u mill-ewwel huma hebbew ghalih. Telghet l-parti leza tigri u harget il-mara tieghu. Kien hawnhekk li l-parti leza qabad zewg platti li kienu mdendlin mal-hajt 'int u tiela t-tarag ghal fuq il-bejt'. L-imputat zied jghid li wiehed minn dawn il-platti twaddab fid-direzzjoni tieghu u ta' martu u nfaqa mal-hajt. Il-platt l-iehor twaddab kif ghalaq l-bieb. Fi kliemu "waddbu fid-direzzjoni tal-bieb bil-konsegwenza li ghamel hsara lill-bieb.....imbghad bdew jiehdu rankatura mal-bieb tieghi u jisabtu...u ahna cempilna lill-pulizija". Irrikonoxxa li lill-parti leza qalilha biex ma titfix id-dawl tal-komun.
Ikkonsidrat:
In linja generali hu principju rikonnoxxut li fil-kamp k
riminali hija l-prosekuzzjoni li ghandha tipprova 'minghajr dubbju dettat mir-raguni' u jibbasta lid-difiza li tipprova sal grad tal-probbabli.
Il-Qorti hawnhekk ghandha zewg versjonijiet in opposizzjoni ghal xulxin izda hemm x-xhieda ta' Ps732 (folio 50)li kien acceda fuq il-post u kien osserva tifrik ta' <u>platti '</u>li kienu imdendlin bhala dekorazzjoni fil-parti komuni tal-korp tal-appartamenti' <u>quddiem il-bieb tal-appartament tal-imputat (sottolinear tal-Qorti).</u> Fil-fehma tal-Qorti dan jghati verosimiljanza lill-versjoni fornita mill-imputat.

Konsegwentement u nghad dan issib l-imputat mhux hati salv ghall-kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 li tieghu qed issibu hati. Ghaldaqstant tikkundannah hamsin euro ammenda u tapplika kontra tieghu l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 ghal fini li tinzamm l-bon ordni u l-paci pubblika liema ordni ghandha isehh ghall-sena mill-lum taht penali ta' 2329 euro.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------